MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 199/2011/1LM

**George Buttigieg (K.I. numru 780652M)**

***vs*.**

**Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maistre (K.I. numru 193780M)**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huma żewġ appelli magħmulin wieħed mill-intimata **Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maistre** [minn issa 'l quddiem "l-intimata"] u l-ieħor mir-rikorrent **George Buttiġieġ** [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"] mis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Novembru, 2018, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta [minn issa 'I quddiem "l-ewwel

Qorti"], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tar-rikorrent billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u laqgħet it-talbiet tiegħu, filwaqt li ddikjarat li l-kontenut tal-*email*[1] tal-24 ta' Ġunju, 2010, lil *Parentcraft* mibgħuta mill-intimata kienet libelluża u malafamanti fil-konfront tal-imsemmi rikorrent u kkundannat lill-intimata tħallsu s-somma ta' elf Euro (€1,000.00) bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv. Kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw il-kontenut tal-*email* inkwistjoni li l-intimata bagħtet lil *Parentcraft, unit* li jaħdem permezz ta' qwiebel fi ħdan id-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija bil-għan li joffri servizzi lil persuni li jkunu ser isiru ġenituri, u wkoll lil dawk li jkunu saru ġenituri. Fl-*email* imsemmija, l-intimata għamlet diversi lmenti kontra l-ginekologu, ir-rikorrent stess li hija però ma kinitx semmiet b'ismu, li kienet taħt il-kura tiegħu waqt it-tqala tal-ewwel tarbija tagħha, u li anki mexxa l-operazzjoni ċesarja li saret ġewwa l-Isptar Capua St. James sabiex twieldet dik it-tarbija. Persuna mhux magħrufa għaddiet din l-*email* lil diversi infermiera u qwiebel fl-imsemmi dipartiment u b'hekk kienet ġiet f'id ċerta Carmen Pace, *deputy nurse in charge* fl-*Outpatients* ta' dak id-Dipartiment. Din min-naħa tagħha għaddietha lil ċertu Tessie Farrugia li kienet taħdem fil-klinika privata tar-rikorrent, li kien ukoll jaħdem bħala *senior consultant obsetrician & gynaecological surgeon* ġewwa l-Isptar Mater Dei, u b'hekk ġiet ukoll f'idejn ir-rikorrent.

[1] *A fol.* 2 tal-proċess.

## Mertu

3. Ir-rikorrent istitwixxa l-proċeduri odjerni quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fit-23 ta' Ġunju, 2011, fejn ħarrek lill-intimata sabiex tħallsu dik is-somma li tista' tiġi likwidata mill-Qorti ai termini tal-artikolu 28 tal-Liġi Dwar l-Istampa (Kap. 248), prevja dikjarazzjoni li l-*email* inkwistjoni kienet libelluża u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u li kellha l-iskop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tal-istess rikorrenti. Huwa talab ukoll il-ħlas tal-ispejjeż ta' dik il-proċedura, inklużi dawk tal-ittra legali mibgħuta minnhom.

4. L-intimata wieġbet permezz tar-risposta tagħha ppreżentata fit-13 ta' Ottubru, 2011, fejn eċċepiet is-segwenti: (1) l-*email* inkwistjoni ttieħdet bi ksur flagranti tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk kellha tiġi sfilzata; (2) fl-istess *email* ir-rikorrent ma kienx identifikat u lanqas identifikabbli; u (3) il-kontenut kien jammonta għal *fair comment.*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"5. Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża mressqa***

1. *Jirriżulta illi l-intimata, fid-difiża tagħha, qajjem tlett difiżi prinċipali, ossija (1) illi l-email ġiet ottjenuta illegalment mir-rikorrent, (2) illi r-rikorrent qatt ma kien identifikat u (3) illi l-kitba kienet attwalment '*fair comment'.

***Email ottenuta illegalment***

2. *Dwar il-legalità tal-email fil-pussess tar-rikorrenti, jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-email intbgħatet mill-'*parentcraft*', illi kienet ir-reċipjent tal-email meritu tal-kawża odjerna, lill-infermiera Carmen Pace illi minnufih għarrfet illi l-kontenut tal-email kienet tirrigwarda ir-rikorrent, u għalhekk hija għaddiet kopja tal-email minufih lill-infermiera illi taħdem flimkien mar-rikorrent, ossija Tessie Farrugia, li sussegwentement għaddietha lir-rikorrent.*

3. *Għalhekk l-akkuża, taħt l-premessa ta' difiża magħulha fil-konfront tar-rikorrent hija waħda bla bażi u tali linja difensjonali ma tistax titqies favorevolment.*

**4.** ***Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadju, ma tosservax illi kull min jaqbad u jibgħat messaġġ b'mezz elettroniku, inkluż permezz ta'*** **email*, irid ikun konsapevoli tal-fatt illi tali messaġġ jista' faċilment jiġi mxerred fil pubbliku, kemm mir-reċipjent tal-*email *kif ukoll minn terzi illi jkunu rċevew il-messaġġ u l-mittenti ma għandu ebda mezz sabiex jikkontrolla u/jew jipproibixxi illi dana jseħħ, u għalhekk l-utilizz ta' tali servizz modern ta' komunikazzjoni, jista' dejjem iwassal għall-pubbliċita, anke jekk dana ma jkunx l-intenzjoni tal-mittenti – <u>dana jfisser illi wieħed għandu juża b'ferm aktar kawtela tali mezzi ta' komunikazzjoni peress illi jistgħu faċilment idaħħlu lill-mittent f'xi kontroversja mhux maħsubha.</u>***

***Rikorrent mhux identifikat***

5. *Dwar id-difiża li r-rikorrent ma kienx identifikat u/jew identifikabbli fl-*email *illi bagħtet l-intimata, il-Qorti tosserva illi tali* email *intbgħatet lis-servizz ta' '*Parentcraft*', illi huwa servizz pprovdut mill-qwiebel kemm qabel kif ukoll wara t-twelid u huwa servizz intrinsikament konness mad-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.*

6. *Jirriżulta illi, fil-kawża* ***Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et****, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil 15 ta' Jannar 1997, intqal is-segwenti:*

   Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu għal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni tal-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'moħħu dik il-persuna kinitx jew le indentifikata. Hu għal kuntrarju materjali t-test tal-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna tal-attur. Dana

b'mod naturali u mingħajr proċessi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analiżi xort'oħra. Dan ukoll b'ċertu grad ta' ċertezza.

7. *Jirriżulta ukoll illi fil-kawża* ***Onor Angelo Farrugia vs Nicholas Cutajar et,*** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011, intqal illi:*

   Biex azzjoni ta' libell bl-istampa tirnexxi, l-kitba li tkun trid tabilfors tkun marbuta mal-persuna tal-parti attriċi, imqar jekk tkun indiretta jew "velata taħt xi figura jew oħra ta' espressjoni", u dan lil hin minn jekk il-kittieb tal-istampat kellux f'moħħu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb. Madankollu, l-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artiklu ma jfissirx li hija mċaħħda milli tmexxi 'l quddiem azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar l-Istampa, jekk kemm-il darba mill-kontenut tal-istess artiklu joħroġ ċar min kienet il-persuna li dwarha nkiteb dak li nkiteb. F'dan ir-rigward, huwa miżmum li l-identità tal-parti malafamata tista' tinġieb minn artikli oħra jew materjal ieħor li jkun inkiteb u li jitfa' dawl fuq l-identità mistura tal-persuna fl-artiklu inkriminat, imqar jekk il-materjal l-ieħor ikun jikkonsisti f'kitba oħra sussegwenti tal-parti mħarrka. Imma l-kejl jibqa' dejjem wieħed li l-eżerċizzju jrid jitqies mill-perspettiva tal-qarrej li għalih l-artiklu jkun maħsub;

8. *Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi għalkemm il-kontenut tal-email ma jsemmi mkien lir-rikorrent, l-intimata, illi tidentifika lilha nnifisha fl-istess email u permezz tal-email address tagħha, u tirrakkonta l-esperjenza tagħha dwar tqala illi kienet għadha kemm għaddiet minnha, liema indikazzjoni kienet suffiċjenti, għall-min jaħdem fid-Dipartiment tal-Ostestriċja u Ġinekoloġija, sabiex jasal għal konklużjoni biex jiħi identifikat dwar min kienet qed tikteb u tilmenta u lejn min l-akkużi kienu diretti.*

9. *Jirriżulta illi dana kien anke kkonfermat mill-fatt illi ċerta Carmen Pace, terza persuna illi ma kienetx ir-reċipjenti oriġinali tal-email, minnufih indunat illi l-intimata kienet qed tagħmel referenza għar-rikorrent fl-akkużi tagħha.*

10. *Jirriżulta, għalhekk, illi d-difiża illi r-rikorrent ma kienx identifikat ma hijiex waħda illi dina l-Qorti tista' tikkunsidra favorevolment.*

***Fair Comment***

11. *Dwar id-difiża ta' 'fair comment', l-intimata tisħaq illi l-allegazzjonijiet kollha minnha magħmula fl-email kienu korretti u għalhekk kellha kull dritt illi tagħmel tali kummenti u konklużjonijiet.*

12. *Jirriżulta illi, kif kien stqarr Lord Denning fil-kawża* ***London Artists Ltd v Littler*** *[1969] 2 QB 375, 391:*

    "In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 KB 360,364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn – as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] AC345; <u>but he must get them right and be ready to prove them to be true.</u>"

13. *Jirriżulta ukoll illi dwar jekk id-difiża ta'* "fair comment" *treġix, fis-sens jekk dak illi qal l-intimat għandhux jitqies bħala allegazzjoni ta' fatt jew* "fair comment"*, l-Qorti tagħmel referenza għal dak illi stqarr Lord Potter f'diskors illi kien għamel lill-*House of Commons *fis-sena 1952 [AC 345], fejn qal is-segwenti:*

    "The question, therefore, in all cases is whether there is a sufficent substratum of fact stated or indicated in the words which are the subject-matter of the action, and I find my view well expressed in the remarks contained in Odgers on Libel and Slander, 6th Edition (1929), p 166. 'Sometimes, however', he says, 'it is difficult to distinguish an allegation of fact from an expression of opinion. It often depends on what is stated in the rest of the article. If the defendant accurately states what some public man has really done, and then asserts that 'such conduct is disgraceful', this is merely the expression of his opinion, his comment on the plaintiff's conduct. So if without setting it out, he identifies the conduct on which he comments by a clear reference. In either case the defendant enables his readers to judge for themselves how far his opinion is well founded; and, therefore, what would otherwise have been an allegation of fact becomes merely a comment. <u>But if he asserts that the plaintiff has been guilty of disgraceful conduct, and does not state what that conduct was, this is an allegation of fact for which there is no defence but privilege or truth.</u> The same considerations apply where a defendant has drawn from certain facts an inference derogatory to the plaintiff. <u>If he states the bare inference without the facts on which it is based, such inference will be treated as an allegation of fact.</u> But if he sets out the fact correctly, and then gives his inference, stating it as his inference from those facts, such inference will, as

a rule be deemed a comment. But even in this case the writer must be careful to state the inference as an inference, and not to assert it as a new and independent fact; otherwise, his inference will become something more than a comment, and he may be driven to justify it as an allegation of fact.' (sottolinjar tal-Qorti)

14. *Jirriżulta illi l-intimata allegat, fl-email tagħha, illi r-rikorrent gidbilha u ġiegħlha tagħmel operazzjoni ta' ċesarja mingħajr ma kien meħtieġ. Allegat ukoll illi qiegħed lit-tarbija f'riskju u li dana l-aġir tiegħu seħħ ma' pazjenti oħra wkoll u kien intiż biss sabiex jaqla' l-flus minn fuqha.*

15. *Jirriżulta, madanakollu, illi ebda minn tali allegazzjonijiet ma ġew sostanzjati għajr għall-supożizzjonijiet mediċi u xhieda ta' membri tal-familja tagħhom ibbażati wkoll fuq konklużjonijiet mhux professjonali tagħhom.*

16. *Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi t-tarbija twieldet f'saħħitha u baqgħet f'saħħitha sakemm ġiet rilaxxjata mill-Isptar Capua St. James, u dana kif ikkonfermat kemm minn Carmen Pace, illi kienet il-*midwife *illi kienet responsabbli għat-tqala u Dr. Victor Calvagna, illi kien il-*Paedatrician *illi ħa ħsieb it-tarbija waqt it-twelid u anke wara – u l-intimata ma ressqet ebda prova illi t-tarbija soffriet xi konsegwenzi kif minnha allegat, għajr għall-fatt illi żmien wara kellha problema biex tiekol għal ftit jiem, li terzi qalulha kien riżultat tal-fatt illi twieldet ta' 36 ġimgħa.*

17. *Jirriżulta ukoll illi fl-ebda mument mat-tarbija kienet mqiegħda f'riskju, u dana jidher ċar minn dokumentazzjoni esebita mil-istess intimata (u anke mir-rikorrent stess).*

18. *Jirriżulta ċar illi r-rikorrent qeda l-funzjonijiet tiegħu bħala Ġinekologu b'suċċess u welled it-tarija tal-intimata u ma kkawża l-ebda ħsara la lit-tarbija u wisq anqas lill-intimata, illi sussegwentement kellha żewġt itfal oħra.*

19. *Jirriżulta, għalhekk, illi minn dak illi allegat l-intimata fi-konfront tar-rikorrent, ma hemm assolutament xejn sostanzjalment veru, bir-riżultat illi d-difiża ta'* 'fair comment' *minnha utilizzata ma tistax treġi u ma tistax titqies favorevolment minn dina l-Qorti.*

***"6. Kunsiderazzjonijiet dwar danni***

*1. Jirriżulta illi, fit-talba promotorju tiegħu, ir-rikorrent talab illi l-intimata tiġi kkundannata tħallas danni għal dak illi għamlet.*

2. *Jirriżulta, madanakollu, illi għalkemm il-Qorti ġiet inondata b'dokumentazzjoni tekniċi u mediċi in sostenn tal-argumentazzjoni tar-rikorrent, imkien ma kien hemm indikazzjoni dwar danni monetarji illi attwalment ir-rikorrent sofra.*

3. *Jirriżulta ukoll, illi l-Qorti ma tistax ma tosservax b'diżappunt li l-kawża odjerna iddilungat eċċessivament għal aktar minn sebgħa snin, liema dewmien ċertament ma jista' jiġi bl-ebda mod attribwit lill-Qorti, iżda huwa dovut prinċipalment għax numru konsiderevoli ta' talbiet ta' differiment da parte tar-rikorrent personalment jew inkella tal-konsulent legali tar-rikorrent, liema dewmien ċertament għandu jitqies meta l-Qorti qiegħda tikkunsidra d-danni li għandhom jiġu likwidati u l-ispejjeż.*

4. *Jirriżulta, finalment, illi huwa aċċettat, kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-intimata stess illi fil-mument illi hija kitbet l-email illi wasslet għal-proċeduri odjerna, hija kienet għaddejja minn* 'birth-related post traumatic stress disorder'*, liema sitwazzjoni ċertament kienet waħda mir-raġunijiet għaliex l-intimata għażlet illi tibgħat l-*email *illi, kif tistqarr hija stess fl-*affidavit *tagħha, ma kienetx kompliet issegwiha meta rat illi ma rċeviet ebda risposta mingħand il-grupp* 'parentcraft' *(fol 106). Għalkemm ma jistax jitqies bħala skużanti għar-responsabbiltà ta' l-intimata għal dak illi hija kitbet, ċertament għandha titqies bħala fattur hija u tiddetermina d-danni li għandhom jiġu likwidati."*

## <u>Ir-Rikors tal-Appell</u>

6. L-intimata ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-19 ta' Novembru, 2018, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrent.

L-intimata tressaq dawn iż-żewġ aggravji: (1) l-ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-*fair comment;* u (2) l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni li l-identifikazzjoni tar-rikorrent saret b'mod illegali.

**Ir-Risposta tal-Appell tar-rikorrent**

7. Ir-rikorrent jilqa' billi jissottometti li l-appell interpost mill-intimata huwa manifestament infondat fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet li jfisser fid-dettall, u għalhekk kellu jiġi miċħud.

**L-Appell tar-rikorrent**

8. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu jissottometti li filwaqt li huwa jaqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti, li l-intimata kienet wettqet libell u malafama fil-konfront tiegħu u li l-eċċezzjonijiet tagħha ġew kollha miċħuda, huwa jħoss ruħu aggravat bis-sentenza appellata.

9. Għalhekk huwa ressaq appell inċidentali fejn talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u laqgħet it-talbiet tiegħu, tħassarha billi tillikwida danni morali ogħla fl-ammont ta' €11,646.87, jew ammont ieħor verjuri, bl-ispejjeż a karigu tal-istess intimata. Ir-rikorrent igħid li jħossu aggravat bis-sentenza appellata għaliex: (1) l-ewwel Qorti llikwidat id-danni morali fuq konsiderazzjonijiet li huma rrilevanti u żbaljati; (2) is-somma ta' danni likwidati mhijiex adegwata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra ż-żewġ appelli tal-partijiet, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrent fir-risposta għar-rikors

tal-appell intavolat mill-intimata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. B'dana li tqis li jkun opportun li jiġi kkunsidrat qabelxejn it-tieni aggravju tal-intimata li jikkunsidra l-illegalità tal-mod li bih ir-rikorrent ġie identifikat, għaliex ġaladarba tiġi sorvolata din il-kwistjoni, din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra l-mertu tal-każ odjern li jirrigwarda l-kontenut tal-*email* mibgħuta mill-intimata.

*It-tieni aggravju tal-intimata: l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni li l-identifikazzjoni tar-rikorrent saret b'mod illegali*

11. L-intimata tissottometti li l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tagħha quddiem l-ewwel Qorti huma marbutin flimkien. Tinsisti li sabiex ġie identifikat ir-rikorrent ġie kommess att illegali. L-intimata tispjega li isem ir-rikorrent ma kienx jissemma' fl-*email* inkwistjoni u l-uniku xhud li xehdet dwar kif ir-rikorrent ġie identifikat kienet Carmen Pace u hawnhekk l-intimata tiċċita parti mix-xhieda tagħha. Tissottometti li x-xhud kienet qegħda tgħid nofs verità jew forsi wkoll ma kinitx qiegħda tgħid il-verità u riedet tagħti x'jifhem li l-*email* tal-intimata kienu rawha ħafna nies meta hija biss fil-fatt kienet taf bl-identità tar-rikorrent u dan permezz ta' aġir illegali bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 586 li ssostitwixxa l-Kap. 440, li kien fis-seħħ fiż-żmien li ntbagħtet l-*email*. Dan sar ukoll bi ksur tar-Regolament UE Numru 2016/679 li ssostitwixxa d-Direttiva Numru 95/46/KE. Dan għaliex il-*personal data* tal-intimata kienet qiegħda fuq is-sistema tal-PAS amministrat mill-Isptar Mater Dei sabiex hija setgħet tieħu l-

kura medika bħala pazjenta. Din il-*personal data* kienet tgawdi l-protezzjoni tal-artikolu 9 tar-Regolament imsemmi u x-xhud Carmen Pace kienet għamlet użu mis-sistema PAS għall-fini ta' indaġini fir-rigward tal-intimata u t-tixrid tal-*personal data* tal-intimata sar b'mod ivvizzjat u illegali. Iżda l-ewwel Qorti ma tatx każ dan kollu fil-konsiderazzjonijiet tagħha. Ġaladarba l-informazzjoni ġiet miġbura b'mod illegali u abbużiv, din ma tistax isservi bħala prova legali u leġittima, issostni l-intimata.

12. Ir-rikorrent jikkontendi li ma jirriżultax li l-mod kif huwa ġie identifikat bħala t-tabib imsemmi fl-*email* inkwistjoni jikser ir-Regolament tal-UE 2016/679, li wara kollox lanqas kien fis-seħħ fil-2010 meta seħħ il-każ odjern, u qablu d-Direttiva 95/46/KE dwar il-privatezza tad-*data.* Jgħid illi mix-xhieda ta' Carmen Pace jirriżulta li din ma kellha bżonn tuża l-ebda *database* sabiex issir taf dan. Ir-rikorrent jgħid li l-intimata kienet qiegħda ssostni li din il-persuna ma kinitx xhud kredibbli, u dan filwaqt li kienet xhud tagħha stess. Ir-rikorrent irrileva li min-naħa tagħha l-intimata kienet ippreżentat kopja ta' rapport tal-10 ta' Awwissu, 2011, li ntbagħat mill-konsulent legali tagħha lill-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data fejn ġie mitlub li ssir investigazzjoni dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Kap. 440, iżda sal-lum hija kienet baqgħet siekta dwar l-eżitu. Ir-rikorrent jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet: (i) l-allegazzjonijiet tal-intimata ma kinux jikkostitwixxu *data* personali tagħha; (ii) l-intimata ma indikatx fl-*email* tagħha li kienet qed torbot lill-persuni lil min kienet qiegħda tindirizzaha bl-obbligu tal-kunfidenzjalità; (iii) anki jekk l-intimata kienet indikata l-kunfidenzjalità tal-*email* tagħha, hija kienet ser tibqa' esposta għall-azzjoni odjerna; (iv) ma jistax jingħad li l-użu tas-sistema kompjuterizzata tal-isptar

sabiex jiġi identifikat ir-rikorrent, kien att li jikser il-liġijiet dwar il-privatezza tad-*data.*

13. L-ewwel Qorti ma ddeliberatx fit-tul dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata u filwaqt li ddikjarat li Carmen Pace kienet *"...minnufih għarrfet illi l-kontenut tal-*email *kienet tirrigwarda ir-rikorrent...",* irrilevat li l-akkuża tal-intimata kienet waħda infondata u ma setgħetx tintlaqa' bħala difiża. L-ewwel Qorti għamlet messaġġ ta' twissija u għalqet billi qalet:

> *"... **<u>dana ifisser illi wieħed għandu juża b'ferm aktar kawtela tali mezzi ta' komunikazzjoni peress illi jistgħu faċilment idaħħlu lill-mittent f'xi kontroversja mhux maħsubha"</u>**.*

Għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni tal-intimata li r-rikorrent ma kienx identifikat u/jew identifikabbli fl-*email* tagħha, osservat li dik l-*email* kienet intbagħtet lis-servizz ta' *Parentcraft,* servizz ipprovdut mill-qwiebel kemm qabel kif ukoll wara t-twelid u servizz intrinsikament marbut mad-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija. L-ewwel Qorti taċċetta li kien minnu li l-*email* ma ssemmiex lir-rikorrent, u tgħid li l-intimata iżda identifikat lilha nnifisha u rrakkontat l-esperjenza tagħha b'mod li min kien jaħdem f'dak id-Dipartiment seta' jasal għall-konklużjoni dwar l-identità tal-persuna u proprju hekk sar meta Carmen Pace indunat għal min kien qiegħed ssir ir-riferiment.

14. Din il-Qorti ma tikkondividx il-fehma tal-ewwel Qorti. Tibda billi tosserva li l-intimata qiegħda tissottometti li l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tagħha magħmulin quddiem l-ewwel Qorti huma marbutin flimkien. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-intimata ssottomettiet li l-*email* inkwistjoni kienet inkisbet

illegalment. Fit-tieni eċċezzjoni tagħha tissottometti li r-rikorrent la kien identifikat u lanqas identifikabbli u fir-rikors tal-appell iżżid tgħid li l-identità tiegħu nkixfet permezz ta' att illegali.

15. Din il-Qorti tirrileva li l-provi juru li l-*email* tal-intimata kienet intenzjonata li tasal għand il-*Parentcraft* sabiex jingħata parir[2], u qatt ma kienet intenzjonata li tasal għand ħaddiehor barra minn dak l-ambitu. L-indikazzjoni tal-*Parentcraft* bħala reċipjent tal-*email* hija xhieda ta' dan. Fix-xhieda tagħha in kontroeżami[3] l-intimata tikkonferma dan. Hemm spjegat li l-*Parentcraft* huwa magħmul minn għadd ta' qbiela u li hija kienet ħolqot kuntatt ma' erba' minnhom meta għamlet il-kors tat-tqala tagħha magħhom. Aktar tard f'dik ix-xhieda tispjega:

> *"...aħna meta tkellimna mal-Parentcraft u għamilna l-kors magħhom qalulna li kull komunikazzjoni magħhom ikun privat bejna u bejn – jiena l-omm u lilhom biss, mhux-; Qatt ma qalulna, dejjem qalu mod privat, li nitkellem magħhom dejjem privat".*

16. Il-*principal legal officer* tad-Dipartiment tas-Saħħa, l-Avukat Bridget Gafà, xehdet li:

> *"Jiena għandi ngħid illi l-Parentcraft għandha* generic email *illi allura hija aċċessibbli mhux minn persuna waħda. Jekk ma niżbaljax il-Parentcraft, l-*email account *tagħha hija aċċessibbli minn tlieta jew erba' minn nies".*

Ċertament l-intimata ma kinitx konxja tal-fatt li l-impjegati tad-*Department of Obsetrics and Gynaecology* setgħu kellhom aċċess għall-*email* tagħha għaliex

---

[2] L-email intestata *"Advice please".*

[3] Seduta tat-23 ta' Frar, 2017, a *fol.* 211.

dan seta' jiġri f'każ li jingħataw permess mid-direttriċi tan-*Nursing and Midwifery.* Jiġifieri dak li l-intimata kitbet li kien intenzjonat biss għal widnejn il-*Parentcraft,* spiċċa biex ġie ċirkolat ma' għadd ferm akbar ta' nies ad insaputa tagħha u mingħajr ma tat il-kunsens tagħha għal dan. Min-naħa tagħha Carmen Pace xehdet[4], b'mod xejn kredibbli għandu jingħad, li hija ma kinitx taf l-isem ta' min bagħat l-*email* inkwistjoni.

17. Fil-fehma tal-Qorti meta l-*email* tal-intimata ġiet imxerrda lil ħaddieħor, inkluż lil Carmen Pace, twettaq l-ewwel att illegali u dan *ai termini* tal-artikolu 257 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta applikabbli wkoll għall-infermiera u qwiebel permezz tas-subartikolu 3(1) tal-Kap. 377 tal-Liġijiet ta' Malta. F'kuntest fejn min kien qed jirċievi l-*email* kien marbut bis-sigriet professjonali, hija irrilevanti s-sottomissjoni tar-rikorrent li l-intimata ma indikatax fl-*email* tagħha li din kienet qiegħda tintbagħat b'mod kunfidenzjali.

18. Jirriżulta mix-xhieda tar-rikorrent[5] li l-*email* kienet waslet għandu mingħand ir-*receptionist* tal-*clinic* tiegħu Theresa sive Tessie Farrugia li kienet taħdem ukoll bħala infermiera fl-Isptar Mater Dei. Din għaddithielha Carmen Pace li kienet ukoll taħdem fl-imsemmi sptar bħala *deputy nurse in charge* fl-*Outpatients Department*. Min-naħa tagħha Carmen Pace kienet irċeviet l-*email* wara li din ġiet iċċirkolata mill-*Parentcraft* lill-persuni *in charge* ta' diversi sezzjonijiet tal-*Obstetrics and Gynaecology Department* u anki lid-*deputies* tagħhom. Hawnhekk Carmen Pace aġixxiet kemm bi ksur tal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati, iżda wkoll tgħid din il-Qorti, bi ksur tad-

[4] Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012, *a fol.* 18.
[5] Seduta tat-8 ta' Frar, 2012, *a fol.* 15.

dispożizzjonijiet tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta qabel dan ġie mħassar u sostitwit permezz tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 15 tal-Kap. 440 jorbot id-dritt li tiġi proċessata *data* personali sensittiva fil-parametri mposti minn dak l-artikolu ma' professjonist tas-saħħa jew kull persuna oħra li tkun suġġetta għall-obbligu ta' segretezza professjonali. Fil-każ odjern Carmen Pace kienet marbuta kemm bis-sigriet professjonali *ai termini* tal-artikolu 257 tal-Kap. 9 kif diġà ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, applikabbli permezz tas-subartikolu 3(1) tal-Kap. 377, kif ukoll bħala "*professjonist tas-saħħa*" kif definit permezz tal-*proviso* tal-artikolu 15 tal-Kap. 440. Iżda fil-każ odjern jirriżulta ampjament li l-ipproċessar tad-*data* personali sensittiva tal-intimata ma sarx minn Carmen Pace għal wieħed mill-iskopijiet elenkati f'dak l-artikolu u għalhekk hawn seħħ it-tieni ksur tal-liġi. Dan kuntrarjament għal dak li r-rikorrent qed jikkontendi li ma jirriżulta minn imkien li l-mod kif hu ġie indikat bħala t-tabib tagħha sar bi ksur tar-Regolament tal-UE 2016/679 u tad-Direttiva 95/46/KE li kienet tippreċedi dak ir-Regolament.

19. Issa mill-qari tal-*email* inkwistjoni ma jistax ikun hemm dubju li l-persuna tar-rikorrent ma ġietx identifikata u lanqas hija identifikabbli. Hawnhekk naslu għat-tieni eċċezzjoni tal-intimata li wkoll ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tissenjala li l-ġurisprudenza tal-Qrati tgħallimna li fejn qed tiġi allegata l-malafama, l-intenzjoni tal-kittieb ma tibqax rilevanti u għandu jiġi mistħarreġ jekk il-qarrej ordinarju, b'mod naturali u mingħajr proċessi diffiċli jistax jasal sabiex jiddentifika l-persuna soġġett tal-kitba u dan sa ċertu grad ta' ċertezza[6], b'dana li l-prova dejjem taqa' fuq ir-rikorrent.

[6] Ara Q.Ċiv.P.A. cit.nru.1935/1999GV, **Dr Mario Vella et pro et vs Dione Borg et**, 28.01.05, Q.Ċiv.P.A. ċit.nru. 1747/2000GV, **Joseph Borg vs Peter Bartolo**, 16.10.02; Q.Ċiv.P.A. cit.nru. 3385/1996DS, **Emanuel L. Micallef vs Victor**

20. Carmen Pace tiddikjara li hija kienet saret taf li l-*email* inkwistjoni kienet dwaru għaliex:

> *"... jiena naħdem f'Saint James Capua u naf illi Ms. Rebecca Zarb Gauci Maistre kienet pazjenta ta' Mr. Buttigieg meta jiena anke kont qed nieħu ħsiebha personalment fl-isptar wara operazzjoni li għamlet is-sinjorina allura kont naf li Mr. Buttigieg li kienet qed issir riferenza għalih."*[7]

Iġifieri anki meta l-*email* tal-intimata ġiet ċirkolata, il-persuna tar-rikorrent ġiet identifikata minn Carmen Pace għaliex hija kienet assistitha f'sptar ieħor bħala pazjenta tar-rikorrent f'dak l-istess sptar. Jista' jkun li dan huwa minnu, imma l-Qorti ma tikkunsidrax li din ix-xhud straħet biss fuq il-memorja tagħha. Din il-Qorti tqis li bla dubju ta' xejn ix-xhud m'għaddietx l-*email* inkwistjoni lil kollega oħra mingħajr ma assigurat ruħha li din kienet tikkonċerna lir-rikorrent, u dan setgħet tagħmlu biss billi tuża d-data personali sensittiva tagħha miżmuma mill-Isptar Mater Dei.

21. Għalhekk fl-istess xhieda tagħha x-xhud Carmen Pace spjegat li l-Isptar Mater Dei għandu *database* magħrufa bħala PAS. Tgħid li kull mara tqila kienet tirreġistra ruħha bħala *admission* mal-Isptar Mater Dei, anki jekk il-kura ma kinitx ser teħodha minn dak l-isptar, u għalhekk isimha kien jitla' fil-PAS flimkien ma' isem il-konsulent li taħtu kienet taqa' għall-fini ta' kura. L-intimata, xehdet li *"Mistoqsija jekk nafx jekk is-sinjura Zarb Gauci Maistre kellhiex* admission *fl-Isptar Mater Dei, ngħid illi jidhirli li kellha* admission*"*, fatt li l-intimata stess ikkonfermat waqt li kienet qiegħda tixhed in kontroeżami.[8]

---

**Camilleri Editur tal-Ġurnal "Il-Mument" et,** 11.10.02; u Q.Ċiv.P.A. ċit.nru. 1038/98AJM, **George Xuereb et vs Alfred Briffa bħala Editur tal-Gazzetta It-Torċa**, 13.03.02.

[7] *A fol.* 19 tal-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti.

[8] *A fol.* 210 tal-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti.

22. Minn dankollu jirriżulta bl-aktar mod ċar u kuntrarjament għal dak li waslet għalih l-ewwel Qorti, li sakemm ma sarx dan l-eżercizzju ulterjuri da parti ta' Carmen Pace, u forsi minn persuni oħra li lilhom kienet ġiet mgħoddija l-*email*, bl-ebda mod ma kien possibbli li r-rikorrent jiġi identifikat. B'hekk id-difiża tal-intimata kienet waħda għalkollox ġusta.

23. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju tal-intimata huwa ġustifikat u tilqgħu. Fid-dawl ta' dan, tikkunsidra li m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri odjerni u tqies ulterjorment il-kontenut tal-*email* tal-intimata u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-appell tagħha u tal-appell tar-rikorrent.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-intimata billi tilqgħu limitatament għar-raġunijiet fuq imfissra, u filwaqt li tħassar is-sentenza appellata, tiċħad it-talbiet tar-rikorrent kif ukoll l-appell tiegħu u tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-intimata.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**